## **Il-Proċess** għall-Kampjuni Parzjali

Il-proċedura li ġejja għandha tiġi segwita meta ma tkunx ipprovdejt l-ammont minimu ta' awrina meħtieġ. Sakemm tkun qed tistenna biex tipprovdi kampjun ieħor ta' awrina, inti tibqa' taħt l-osservazzjoni diretta ta' *Chaperone* jew tad-DCO. Tingħatalek l-opportunità li tixrob xi ħaġa. Il-kampjun parzjali jiġi ssiġillat u magħluq b'mod sigur bl-użu tat-tagħmir għall-kampjuni parzjali. Il-kampjun parzjali ssiġillat għandu jibqa' taħt il-kontroll tiegħek.

Wara li tipprovdi l-ammont ta' awrina meħtieġ, għandek tagħżel *collection kit* ġdid issiġillat u tħallat flimkien il-kampjuni tiegħek billi tibda bl-ewwel kampjun parzjali u tkompli bil-kampjuni parzjali sussegwenti. Il-kampjun imbagħad għandu jiġi ssiġillat skont kif ġie deskritt hawn fuq.

## **Min Iwettaq** it-Testijiet?

Jekk inti atleta ta' livell nazzjonali, tista' tiġi ttestjat mill-Awtorità Nazzjonali ta' Kontra d-*Doping* tiegħek (KMS), mill-korp regolatorju nazzjonali tiegħek u mill-Kumitat Olimpiku Malti. Atleti ta' livell internazzjonali jistgħu jiġu ttestjati wkoll mill-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom.

Il-Kodiċi jistipula li n-NADO għandha tippjana u timplimenta numru effettiv ta' testijiet fil-perjodu ta' waqt il-kompetizzjoni kif ukoll testijiet li jitwettqu barra mill-perjodu ta' kompetizzjoni, kemm bħala deterrent kif ukoll bħala sistema effettiva għat-tisjib ta' sustanzi pprojbiti. In-numru ta' kampjuni għal testijiet fil-perjodu ta' waqt il-kompetizzjoni kif ukoll għal testijiet li jitwettqu barra mill-perjodu ta' kompetizzjoni, li jistgħu jinkludu kemm kampjuni ta' demm kif ukoll kampjuni ta' awrina, jiġi stabbilit mill-KMS.





## **Drittijiet u Responsabbiltajiet** tal-Atleti

**Bħala atleta għandek ċerti drittijiet u responsabbiltajiet.**

**Inti għandek id-dritt:**

- Għal rappreżentant;
- Għal-interpretu, jekk ikun disponibbli;
- Li xi ħadd ifiehmek il-proċedura tal-proċess tal-ġbir tal-kampjun;
- Li tagħżel minn kontenituri u *collection kit*s differenti;
- Li titlob li tipposponi l-viżta tiegħek fil-post fejn ikun se jsir it-test għal raġunijiet validi, bil-kundizzjoni li tkun akkumpanjat waqt il-perjodu ta' dewmien.
- Li tlesti sessjoni ta' taħriġ taħt l-osservazzjoni ta' DCO jew *Chaperone*
- Li tingħata kopja tal-formoli kollha li jkunu ntużaw biex jiġi dokumentat l-ipproċessar tal-kampjun tiegħek;
- Li titlob li l-proċess tal-ġbir tal-kampjun jiġi modifikat jekk għandek diżabilità.

**Inti għandek ir-responsabbiltà li:**

- Tibqa' fejn jistgħu jarawk il-membri tal-persunal għall-ġbir tal-kampjuni tul il-proċess kollu ta' kontroll tad-*doping*;
- Turi forma ta' identifikazzjoni;
- Tosserva l-proċeduri għall-ġbir tal-kampjuni;
- Tmur immedjatament fil-post fejn ikun se jsir it-test sabiex tiġi ttestjat, sakemm ma tittardjax minħabba raġunijiet validi;
- Iżżomm il-kampjun tiegħek taħt il-kontroll tiegħek sakemm dan jiġi ssiġillat, dejjem fejn jista' jarak id-DCO;
- Tiżgura li l-kodiċi tal-kampjun jiġi dokumentat kif suppost fuq il-Formola għall-Kontroll tad-*Doping*;
- Tiżgura li l-informazzjoni kollha li tinsab fil-karti hija preċiża u kompluta, u li l-karti jkunu ġew iffirmati.


**Kummissjoni tal-Anti-Doping**
**Kumpless Sportiv tal-Kottonera**
**Bormla BML 9020**
**T: 2203 6200 | F: 2203 6200**
**E: antidoping@sportmalta.org.mt**


kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

**www.sportmalta.org.mt/antidoping**



kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Il-Proċess ta' Kontroll tad-*Doping*

## GWIDA GĦALL-ATLETI

**Il-Kontrolli ta' Kontra d-*Doping* jitwettqu b'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Ittestjar, mar-Regoli Nazzjonali ta' Malta Kontra d-Doping u mal-Kodiċi tal-WADA. Atleti li huma affiljati ma' kwalunkwe klabb jew organizzazzjoni sportiva nazzjonali u / jew internazzjonali jistgħu jiġu ttestjati F'KULL ĦIN u FI KWALUNKWE POST.**




# Il-Ġbir ta' Kampjuni tal-Awrina

1 **L-għażla tal-atleti**
L-għażla ta' atleta tista' ssir jew fuq bażi każwali, b'mod immirat jew fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti. Inti tista' tiġi magħżul għal kontroll tad-*doping* F'KULL ĦIN u FI KWALUNKWE POST.

2 **Notifikazzjoni lill-atleta**
Inti tiġi infurmat li ġejt magħżul għal test għall-kontroll tad-*doping* minn uffiċjal ta' kontra d-*doping*. L-Uffiċjal inkarigat biex jikkontrolla d-*Doping* (DCO - *Doping Control Officer*) għandu juri l-identità uffiċjali tiegħu taħt awtorità tal-KMS. Inti tiġi infurmat dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek, u tiġi mitlub biex tiffirma formola li tikkonferma li ġejt notifikat dwar il-kontroll tad-*doping*.

3 
**Meta tmur id-*Doping Control Station***
għandek dejjem tibqa' f'post fejn l-uffiċjal jew *Chaperone* ikunu jistgħu jarawk b'mod dirett, u għandek tmur il-post fejn ikun se jsir it-test tad-*doping* mill-aktar fis possibbli. Id-DCO jew *Chaperone* jistgħu jippermettu li inti tmur tard fid-*Doping Control Station* f'każ li jkollok tattendi għall-attivitajiet bħal xi konferenza stampa, jew minħabba li jkollok tlesti sessjoni ta' taħriġ. Inti tista' titlob li tiġi akkumpanjat minn rappreżentant.

4 **L-għażla ta' kontenitur għall-ġbir ta' kampjuni**
Int għandek tagħżel wieħed minn għażla ta' kontenituri għall-ġbir ta' kampjuni ssiġġillati b'mod individwali. Iċċekkja li l-kontenitur huwa ssiġillat, li mhuwiex imkisser u li ma ġiex imbagħbas. Għandek iżżomm il-kontenitur li tkun għażilt taħt il-kontroll tiegħek f'kull ħin.

5 **Meta tipprovdi kampjun tal-awrina**
Inti tkun akkumpanjat minn DCO jew *Chaperone* tal-istess sess tiegħek, u dan ikun preżenti meta tipprovdi l-kampjun tiegħek. Ikollok tinża' b'mod li tinkixef minn irkopptejk sa' żaqqek, sabiex ikun hemm veduta mhux ostakolata meta tkun qed tagħmel l-awrina.

6 **L-ammont ta' awrina**
Għandek tipprovdi mill-inqas 90 ml ta' awrina. Jekk ma tkunx tista' tipprovdi 90 ml tintalab biex tipprovdi aktar awrina u tkompli bil-Proċess għall-Kampjuni Parzjali (li qed jiġi deskritt hawn isfel), sakemm jinkiseb l-ammont meħtieġ.

7 
**Kif għandu jinqasam il-kampjun**
Agħżel *sample collection kit* mill-għażla li tkun ingħatajt. Iċċekkja li t-tagħmir għadu sħiħ, u li ma ġiex imbagħbas. Iftaħ il-kit u kkonferma li n-numri tal-kodiċi tal-kampjun li jidhru fuq il-fliexken, l-għotjien u l-kontenitur jaqblu.

Aqsam il-kampjun billi tferra' l-awrina inti stess. L-ewwel ferra' mill-inqas 30 ml ta' awrina fil-flixkun B (sal-linja). Imbagħad imla l-flixkun A bl-awrina li jkun fadal. Inti tintalab biex tħalli volum żgħir fil-kontenitur għall-ġbir ta' kampjuni.

8 **L-issiġillar tal-kampjun**
Għandek tissiġilla kemm il-flixkun A kif ukoll il-flixkun B. Id-DCO għandu jivverifika li l-fliexken huma ssiġillati kif suppost.

9 **Il-kejl tal-gravità speċifika**
Id-DCO ikejjel il-gravità speċifika tal-kampjun biex jiġi żgurat li mhuwiex dilwit wisq biex jiġi analizzat. Jekk ikun dilwit wisq, tista' tintalab biex tipprovdi aktar awrina.

10 ***Meta timla l-Formola għall-Kontroll tad-Doping***
Għandek timla l-Formola għall-Kontroll tad-*Doping* billi:

- Tikteb kwalunkwe sustanzi li tkun qed tieħu, inkluż mediċini li jingħataw bir-riċetta, mediċini li jingħataw mingħajr riċetta kif ukoll supplimenti
- Tikteb kwalunkwe kummenti jew tħassib li jista' jkollok rigward l-iżvolġiment tas-sessjoni ta' kontroll tad-*doping*
- Tikkonferma li l-informazzjoni, in-numri reġistrati u kodiċi tal-kampjun huma korretti
- Tiffirma u tirċievi l-kopja tiegħek tal-formola għall-kontroll tad-*doping*.

11 
**L-analiżi tal-kampjuni**
Il-kampjuni tiegħek jiġu ppakkjati biex jintbagħtu, b'tali mod li jiġi żgurat li s-sigurtà tagħhom tiġi ssorveljata. Dawn jintbagħtu b'kunfidenzjalità stretta lil laboratorju approvat mill-WADA.

Il-kampjun A tiegħek jiġi analizzat, filwaqt li l-kampjun B tiegħek jinżamm f'ambjent sigur f'każ li jkun hemm bżonn li jsiru aktar testijiet biex tiġi kkonfermata Sejba Analitika Avversa (AAF - *Adverse Analytical Finding*). Il-laboratorju imbagħad jibgħat ir-riżultati lill-KMS u lill-WADA.

**Ir-referenza għall-atleta tinkludi kemm is-sess femminili kif ukoll is-sess maskili.*